# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

**2008/0140(CNS)**

12.11.2008

# ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali
(COM(2008)0426 – C6-0291/2008 – 2008/0140(CNS))

Rapporteur: Lissy Gröner

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Bl-abbozz għad-direttiva "dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali" l-Kummissjoni tixtieq tkompli ssaħħaħ il-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam tat-trattament ugwali.

Permezz tar-reviżjoni tat-Trattat ta' Amsterdam 1997, b'mod partikolari biż-żieda tal-Artikolu 13 tat-Trattat KE, ingħataw lill-UE possibilitajiet ġodda biex tifformula politika ta' opportunitajiet ugwali. Bħala konsegwenza fl-aħħar snin daħlu fis-seħħ 4 direttivi li jikkonċernaw

- l-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol[1]
- Il-prinċipju ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fir-rigward tal-aċċess għall-impjiegi, tat-taħriġ vokazzjonali u tal-promozzjoni kif ukoll tal-kundizzjonijiet tax-xogħol[2]
- l-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini razzjali jew etnika[3]
- l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi[4]

Ammont kbir ta' kunċetti u prinċipji importanti dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju bażiku ta' trattament ugwali diġà huma definiti fihom. Dan jgħodd pjuttost għall-kunċetti tad-"diskriminazzjoni diretta u indiretta", tal-"fastidju", tal-"kondotta mhix mixtieqa" jew tal-"istruzzjoni li tiddiskrimina" u l-prinċipju tal-bidla tal-oneru tal-prova mill-kwerelant għall-konvenut f'tilwima legali, sanzjonijiet dissważivi, iżda proporzjonali jew il-ħarsien mill-vittimizzazzjoni (l-iżvantaġġ ta' vittmi ta' diskriminazzjoni, li jkunu lmentaw jew li ħadu passi legali).
Dan l-abbozz għal direttiva jinkludi wkoll dawn ir-regolamenti bażiċi.

Dan l-abbozz jittratta dwar l-estensjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali għall-oqsma tal-ħajja soċjali li ġejjin:

- il-protezzjoni soċjali, inkluża s-sigurtà soċjali u s-servizzi tas-saħħa,
- il-vantaġġi soċjali;
- u l-aċċess għall-provvisti u s-servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni.

F'dan ir-rigward, ir-rapporteur tipproponi li jsiru l-emendi li ġejjin:

***Diskriminazzjoni minħabba s-sess***
L-abbozz s'issa ma jinkludix l-element essenzjali li huwa ta' importanza ċentrali fil-politika ta' trattament ugwali fil-qasam tal-impiegi u fl-aċċess għall-provvisti u s-servizzi: il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni minħabba s-sess. Ir-rapporteur tipproponi estensjoni korrispondenti tal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva.

***Aċċess għall-midja***

[1] 2000/78/KE, riveduta fl-2006
[2] 2002/73/KE
[3] 2000/43/JKE
[4] 2004/113/KE

L-aċċess għall-midja għadu problematiku b'mod partikolari għall-persuni b'diżabilità. Ir-rapporteur hija tal-fehma li fornituri ta' prodotti awdjoviżivi għandhom jikkunsidraw aktar is-sitwazzjoni ta' dawk li huma nieqsa mis-smigħ partikolarment. Servizzi awdjoviżivi diġitali jagħtu l-possibilità mill-perspettiva teknika ta' għażliet bħal dawn, bħas-sottotitoli tal-programmi televiżivi. Din l-idea ġiet espressa wkoll mill-Parlament fid-**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-inklużjoni tas-sottotitoli fil-programmi kollha tat-televiżjoni ta' servizz pubbliku fl-UE**[1] u għandha tiddaħħal espliċitament bħala parti mid-direttiva.

***Aċċess għall-edukazzjoni***
L-abbozz tad-direttiva jenfasizza l-prinċipju ta' sussidjarjetà u magħha l-awtonomija estensiva tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni. Barra minn hekk, madanakollu, għandu jiġi enfasizzat li kull wieħed mill-Istati Membri jikkunsidra l-prinċipju bażiku tat-trattament ugwali fl-aċċess għall-edukazzjoni meta jifformula l-politika tiegħu tal-edukazzjoni, anki meta t-trattament diskriminatorju jkun aċċettat fuq il-bażi tar-reliġjon jew il-filosofija b'mod partikolari fl-iskejjel reliġjużi.

***Dikriminazzjoni multipla***
Id-diskriminazzjoni multipla tiddeskrivi sitwazzjoni li fiha d-diskriminazzjoni ssir għal diversi raġunijiet separati. Dan il-kunċett għandu jiġi inkluż fid-direttiva.

Fuq kollox, mill-prassi legali jirriżulta li fil-każ ta' lmenti relatati mad-diskriminazzjoni multipla fil-parti l-kbira tal-Istati Membri r-realtà tad-diskriminazzjoni li jgħaddu minnha dawk milquta ma tiġix ikkunsidrata biżżejjed.

L-istudji jwasslu għall-konklużjoni li n-nisa li ġejjin minn gruppi f'minoranza jidhru li huma l-aktar suxxettibbli għad-diskriminazzjoni multipla. Ir-realtà soċjali titlob li jittieħdu miżuri ta' prevenzjoni li jagħmluha possibbli ssir proċedura legali kontra d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess u d-diżabilità.

[1] P6_TA(2008)0127.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età ***jew*** l-orjentazzjoni sesswali | Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età***,*** l-orjentazzjoni sesswali ***jew is-sess*** |

Or. de

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 10 tal-Karta jirrikonoxxi d-dritt għal libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; l-Artikolu 21 jipprojbixxi diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età ***jew*** orjentazzjoni sesswali; u l-Artikolu 26 jirrikonoxxi d-dritt ta' persuni b'diżabilitajiet li jibbenefikaw mill-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza tagħhom | (3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 10 tal-Karta jirrikonoxxi d-dritt għal libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; l-Artikolu 21 jipprojbixxi diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età***,*** orjentazzjoni sesswali ***jew sess***; u l-Artikolu 26 jirrikonoxxi d-dritt ta' persuni b'diżabilitajiet li jibbenefikaw mill-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza tagħhom |

Or. de

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età ***jew*** orjentazzjoni sesswali fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni ***u*** aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti. | (9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età***,*** orjentazzjoni sesswali ***jew is-sess*** fi sfera ta' oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni***,*** aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni***, kif ukoll aċċess għall-midja***. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet għall-oqsma koperti. |

Or. de

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jbatu grupp ta' persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età ***jew*** orjentazzjoni sesswali partikolari li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-promozzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' dawk il-persuni. | (21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li jbatu grupp ta' persuni ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età***,*** orjentazzjoni sesswali partikolari ***jew is-sess*** li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-promozzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' dawk il-persuni. |

Or. de

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Persuni li kienu suġġetti għal diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon ***jew*** twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għandu jkollha mezz adegwat ta' protezzjoni legali. Sabiex jipprovdu livell iktar effettiv ta' protezzjoni, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra għandu jkollhom il-poter fi proċedimenti, inkluż f'isem jew b'appoġġ ta' xi vittma, bla ħsara għal regoli nazzjonali ta' proċedura li jirrigwardaw rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati. | (23) Persuni li kienu suġġetti għal diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età***,*** orjentazzjoni sesswali ***jew is-sess*** għandu jkollha mezz adegwat ta' protezzjoni legali. Sabiex jipprovdu livell iktar effettiv ta' protezzjoni, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra għandu jkollhom il-poter fi proċedimenti, inkluż f'isem jew b'appoġġ ta' xi vittma, bla ħsara għal regoli nazzjonali ta' proċedura li jirrigwardaw rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati. |

Or. de

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Ir-regoli dwar l-oneru tal-prova għandhom ikunu adattati meta jkun hemm każ ta' diskriminazzjoni prima facie u, sabiex ikun applikat effettivament il-prinċipju ta' trattament, l-oneru tal-prova għandu jerġa' jmur lura fuq il-konvenut meta evidenza ta' din id-diskriminazzjoni hija ppreżentata. Madankollu, mhuwiex f'idejn il-konvenut li jagħti prova li r-rikorrent għandu reliġjon jew twemmin partikolari, għandu diżabilità partikolari, huwa ta' età partikolari ***jew*** għandu orjentazzjoni sesswali partikolari. | (24) Ir-regoli dwar l-oneru tal-prova għandhom ikunu adattati meta jkun hemm każ ta' diskriminazzjoni prima facie u, sabiex ikun applikat effettivament il-prinċipju ta' trattament, l-oneru tal-prova għandu jerġa' jmur lura fuq il-konvenut meta evidenza ta' din id-diskriminazzjoni hija ppreżentata. Madankollu, mhuwiex f'idejn il-konvenut li jagħti prova li r-rikorrent għandu reliġjon jew twemmin partikolari, għandu diżabilità partikolari, huwa ta' età partikolari***,*** għandu orjentazzjoni sesswali ***jew sess*** partikolari. |

Or. de

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età ***jew*** orjentazzjoni sesswali, sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni. | Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età***,*** orjentazzjoni sesswali ***jew is-sess***, sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni. |

Or. de

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Article 2 – paragrafu 2 – ittra b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ta' reliġjon jew twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, ***jew*** orjentazzjoni sesswali partikolari fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma approprjati u neċessarji. | b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ta' reliġjon jew twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, orjentazzjoni sesswali partikolari ***jew sess partikolari*** fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma approprjati u neċessarji. |

Or. de

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 - paragrafu 2 - ittra b a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ba) diskriminazzjoni multipla għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta persuna waħda tiġi ddiskriminata fl-istess ħin minħabba żewġ raġunijiet jew iktar imsemmija fl-Artikolu 1 u dawn ir-raġunijiet jakkumulaw.*** |

Or. de

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – ittra b b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***bb) Jekk iseħħ trattament differenzjat minħabba diversi raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1, dan it-trattament differenzjat jista' jkun ġġustifikat biss meta l-ġustifikazzjoni testendi għa-raġunijiet kollha li minħabba fihom ikun sar it-trattament differenzjat.*** |

Or. de

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – ittra b c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***bc) Fl-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali skont l-Artikolu 13 tat-Trattat il-Komunità hija obbligata li tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni multipla li tirriżulta minn diversi*** |

***raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 13 tat-Trattat.***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "diskriminazzjoni multipla" nħoloq fil-qafas tal-konferenza dinjija tan-NU kontra r-razziżmu li saret fis-sena 2001 fl-Afrika t'Isfel u jirreferi għat-trattament mhux ugwali minħabba diversi fatturi ta' diskriminazzjoni (pereżempju d-diskriminazzjoni kontra n-nisa Lhud minħabba s-sess tagħhom - femminili - jew minħabba r-reliġjon tagħhom - Lhudija - jew minħabba t-tnejn; jew id-diskriminazzjoni kontra raġel Kurd omosesswali minħabba l-oriġini etnika tiegħu - Kurda - jew minħabba l-orjentament sesswali tiegħu - omosesswali - jew minħabba t-tnejn.)*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – ittra d a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***da) l-aċċess għall-midja*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*L-Unjoni Ewropea għandha tiżgura li ċ-ċittadini kollha jkollhom l-istess aċċess għall-mezzi ta' informazzjoni, xandir, taħriġ u kultura. (Ara wkoll: Dikjarazzjoni bil-miktub Nru 0099/2007 dwar is-sottotitoli tal-programmi tas-servizz pubbliku bit-televiżjoni).*

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. L-Istati Membri jistgħu | 3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali***; m'għandhiex issir*** |

| | |
|---|---|
| jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin. | ***diskriminazzjoni wkoll fl-aċċess għat-taħriġ.*** L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*L-Unjoni Ewropea għandha tiżgura li ċ-ċittadini kollha jkollhom l-istess aċċess għall-mezzi ta' informazzjoni, xandir, taħriġ u kultura. (Ara wkoll: Dikjarazzjoni bil-miktub Nru 0099/2007 dwar is-sottotitoli tal-programmi tas-servizz pubbliku bit-televiżjoni).*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex tkun żgurata ugwaljanza totali fil-prattika, il-prinċipju ta' trattament ugwali ma għandux jostakola kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri speċifiċi sabiex jipprevjeni jew jikkumpensa żvantaġġi konnessi ma' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età ***jew*** orjentazzjoni sesswali. | Sabiex tkun żgurata ugwaljanza totali fil-prattika, il-prinċipju ta' trattament ugwali ma għandux jostakola kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri speċifiċi sabiex jipprevjeni jew jikkumpensa żvantaġġi konnessi ma' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età***,*** orjentazzjoni sesswali ***jew is-sess***. |

Or. de

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li proċeduri ġudizzjarji u/jew amministrattivi, inkluż meta jikkunsidraw li huma xierqa proċeduri ta' konċiljazzjoni, għall-infurzar ta' obbligazzjonijiet skond din id-Direttiva, ikunu disponibbli għall-persuni kollha li | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li proċeduri ġudizzjarji u/jew amministrattivi, inkluż meta jikkunsidraw li huma xierqa proċeduri ta' konċiljazzjoni, għall-infurzar ta' obbligazzjonijiet skond din id-Direttiva, ikunu disponibbli għall-persuni kollha li |

| | |
|---|---|
| jħossuhom li kien hemm nuqqas kontrihom fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali, anki wara li r-relazzjoni li fiha d-diskriminazzjoni hija allegata li saret tkun spiċċat. | jħossuhom li kien hemm nuqqas kontrihom fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali, anki wara li r-relazzjoni li fiha d-diskriminazzjoni hija allegata li saret tkun spiċċat. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jsir l-ebda trattament separat tar-raġunijiet individwali tad-diskriminazzjoni.*** |
| | Or. de |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, ***jew*** orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skond atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE. | 1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, orjentazzjoni sesswali ***jew is-sess***. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skond atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE. |
| | Or. de |